MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 785/2004

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Sammut)

vs

Omar Bonnici

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Omar Bonnici ta' 22 il-sena, bin mhux maghruf u Agnes Bonnici, imwieled Pieta' nhar 26 ta' Gunju, 1985 li joqghod 9, Sqaq Has Sajjied Nr 2, Birkirkara detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 343185(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-2 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tad-9.00p.m. minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' ghamel offiza ta' natura gravi fuq il-persuna minorenni ta' ohtu Mofida El Naib (ID: 542391M) ta' tnax-il sena u dan bi ksur ta' l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 20 ta' Settembru, 2004 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar id-29 ta' April, 2005 ( a *folio* 14 tal-process) ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Ikkunsidrat:
Illi din il-kawza titratta ncident li nqala' fit-2 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tad-9.00p.m. bejn l-imputat u ohtu ta' ttnax (12) -il sena Mofida El Naib. Din ta' l-ahhar xehdet fis-seduta tad-29 ta' April, 2005 fejn spjegat li wara li kellha konversazzjoni mat-tfajla ta' l-imputat, li jisimha Daniela, waqt li huma t-tnejn kienu bil-qeghda fuq is-sufan tad-dar ta' omm l-imputat, huha kien mar fil-kamra tas-sodda taghha u kkonfrontaha dwar dak li kien intqal bejnha u bejn Daniela fl-imsemmija konversazzjoni, liema konversazzjoni kienet tirrigwarda t-tfajla ta' huhhom l-iehor. Mofida tghid li l-imputat qabad jaghtiha waqt li hija kienet fuq is-sodda, qalibha minn fuq is-sodda u gibidha minn idha u tefaghha ma' l-art. Hija qalet wkoll li meta kienet bil-qeghda fuq is-sodda l-imputat ta daqqa ta' ponn f'dirghajha tan-naha tax-xellug u meta gibidha weggaghha fi spallitha tan-naha tal-lemin. Mofidda qalet ukoll li ommha haditha ghand it-tabib, jew ahjar gie jaraha t-tabib id-dar ta' habiba ta' ommha, u dan bghatha tiehu *x-ray* l-

Isptar. Hija qalet li damet mugughha xi gimgha u nofs, ma kellhiex ksur, kellha tbengila minn gewwa u idejha daqsxejn minfuha.

Omm l-imputat, Agnes El Naib, li xehdet fis-seduta tad-29 ta' April, 2005, fejn ghazlet li tixhed fil-konfronti ta' binha wara li giet debitament infurmata li setghat taghzel li ma tixhidx, qalet li hija ma kienetx rat lil binha isawwat lil Mofida izda spjegat li waqt li kienet qed issajjar fil-kcina Mofida kienet baghtet lil wiehed minn hutha iz-zghar sabiex jghidilha tmur fil-kamra tas-sodda ta' l-istess Mofida. Meta hija dahlet fil-kamra tas-sodda ta' Mofida sabitha tibki fuq is-sodda u tghajjat 'ajma ajma' u wara li staqsietha x'gara Mofida qaltilha li l-imputat kien sawwatha izda meta ix-xhud (u cioe' l-omm) qalet lil bintha sabiex imorru l-Ghassa jaghmlu rapport din ma rieditx tmur. Ommha tghid li hadet lil Mofida l-Ghassa u kellhom jiehdu maghhom lil erbat itfal zghar u peress li damu l-Ghassa sad-9.15p.m. u ma kellhomx biex imorru l-Polyclinic l-omm staqsiet lil bintha jekk setghatx tissaporti sal-ghada filghodu sabiex imorru ghand tabib. Agnes El Naib tghid li ma ratx tbengil jew nefha f'id it-tifla izda meta missitilha dirghajha din bdiet tghajjat bl-ugiegh. Din spjegat wkoll li wara dan l-incident kien hemm okkazjoni ohra fejn l-imputat rega' ta daqqa lil Mofida.

Dr Marlon Grech, u cioe' it-tabib li rrilaxxja c-certifikat mediku esebit a *folio* 24 u 25 tal-process, ikkonferma li huwa kien invista lil Mofida El Naib u ccertifika li kellha griehi fis-spallejha l-leminija u klassifika sawn il-griehi bhala ta' natura gravi. Dan ix-xhud qal li huwa kien irrefera lil Mofida ghal *x-ray* sabiex jeskludi kumplikazzjonijiet bhal *shoulder dislocation* izda qal li ma regghax raha wara li hadet l-*x-ray*. Huwa izda kkonferma li "kemm *active* u kif ukoll *passive movements* ta' l-*elbow* kienu *very painful* ghat-tifla".

L-imputat li xehed fis-seduta tas-26 ta' Lulju, 2006 ikkonferma li kien hemm argument bejnu u bejn ohtu Mofida u qal li huwa kien imbuttaha fuq is-sodda izda cahad li kienn sawwatha u li kien weggaghha. Huwa qal ukoll li ohtu fil-jiem ta' wara la kienet migugha u lanqas

kellha faxex. Huwa qal ukoll li gielu kellu inkwiet fil-familja. Fl-10 ta' Settembru, 2004 huwa kien irrilaxxja stqarrija (esebita a *folio* 27 tal-process) lill-Ispettur Trevor Sammut fejn huwa ammetta li gieli refa' jdejh fuq ohtu izda qal li dan ghamlu rarament u kien ghamlu bhala tbezbiza. Huwa jghid li "gieli bezbiztha xi naqra billi mbuttajtha f'kamritha stess, fuq sodditha stess. Gieli tajtha xi daqqa zghira sabiex nikkoregiha." Huwa izda cahad li lill-ohtu kien ikkawzalha xi griehi. Huwa qal inoltre li ommu kienet ta' spiss tmur taghmel rapporti l-Ghassa kontra tieghu ghaliex huwa kien jghajjat ma' hutu z-zghar u qal li kienet taghmel hekk ghaliex l-gharus taghha ried ikeccieh mid-dar.

Wara li ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari ix-xhieda ta' Mofida El Naib, din il-Qorti tinsab konvinta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali, u cioe' lil hinn minn kwalunkwe dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kien sawwat lil ohtu Mofida El Naib u kkawzalha griehi. Mill-provi izda ma jirrizultax li dawn il-griehi kienu ta' natura gravi ghaliex l-istess griehi ma kellhom ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 216 u 218 tal-Kap 9. Ghalkemm Dr Marlon Grech iccertifika il-griehi li kellha Mofida El Naib bhala ta' natura gravi, huwa qal ukoll li kien invista lil Mofida f'okkazzjoni wahda biss u li ma kienx raha sussegwentement. L-istess Mofida El Naib tghid li hija damet gimgha u nofs bl-ugiegh. Ommha qalet li ma kienitx rat tbengil fuq bintha u li idejha ma kienitx minfuha. In vista ta dan kollu l-Qorti jidrilha li l-griehi sofferti minn Mofida El Naib kienu ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi.

Peress illi fil-kamp kriminali *il piu' comprende il meno*, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza li huwa kkawza griehi ta' natura gravi fuq ohtu Mofida El Naib skond l-Artikolu 214, 216 u 218 tal-Kap 9, izda ssibu hati li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ohtu Mofida El Naib skond dak li jipprovdi l-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 28A, 214, 215, 216, 218, 221 (1) u (3)(a) u 222 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ohtu Mofida El Naib u tikkundannah ghall-prigunerija ta' tlett xhur sospizi ghal sentejn millum.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-incident kien wiehed bejn l-ahwa u dehrilha li l-piena karcerarja m'hijiex adatta fic-cirkostanzi ghaliex tali piena tista' tippeggjora is-sitwazzjoni familjari ezistenti bejn l-imputat, il-vittma li hija ohtu, u l-membri l-ohra tal-familja li ghadhom lkoll ighixu fl-istess dar.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------